MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-20 ta' Dicembru, 2005

Avviz Numru. 143/2003

**K.E. Company Limited**

**vs**

**Paul Fenech**

**Il-Qorti ,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta’ attrici fis-7 ta’ Marzu, 2003 fejn talbet lil din il-Qorti ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, mitejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2,280.22) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra legali tat-30 ta’ Settembru, 2002 u ta’ l-ittra ufficjali tal-15 ta’ Novembru, 2002 kif ukoll tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju li gie pprezentat kontestwalment ma’ l-Avviz ghas-smiegh u bl-imghaxijiet legali dekorribbli fuq l-istess somma dovuta

b'effett mid-data ta' kull konsenja sal-pagament effettiv, kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

1. Illi, s-somma pretiza mis-socjeta' attrici mhix dovuta.
2. Illi, fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju, s-somma pretiza hija esagerata.
3. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li s-socjeta' attrici hija socjeta' kummercjali fis-settur tal-gojjellerija u timporta u tiddistribwixxi arloggi, *silverware, silver ornaments* u xoghol tad-deheb. Bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali li bdiet ghall-bidu tas-sena 2000, fejn il-konvenut kien jaghmel l-ordnijiet u s-socjeta' attrici tissuplixxi kontra *invoice*. Peress illi bejn il-partijiet kien hemm kont miftuh, il-konvenut kien jaghmel pagamenti kull gimgha. Dawn il-pagamenti ma kinux ikunu dejjem l-istess, pero' fil-maggoranza kbira taghhom fl-ammont ta' hamsin lira Maltin (Lm50) fil-gimgha.

Sakemm il-pagamenti baqghu gejjin, is-socjeta' attrici baqghet tissuplixxi merkanzija lill-konvenut, ghad illi fis-sena 2002 il-pagamenti bdew jonqsu sostanzjalment, sakemm finalment waqfu ghal kollox wara t-12 ta' Lulju, 2002.

George Busuttil in rapprezentanza tas-socjeta' attrici kellem diversi drabi lil Paul Fenech li kien jipprometti l-hlas. Pero' meta dawn baqghu ma gewx, allura giet istitwita din il-kawza.

Minkejja li l-Qorti ddiferiet din il-kawza diversi drabi ghall-provi tal-konvenut, dan qatt ma deher biex jaghti x-xhieda

tieghu u ghalhekk il-Qorti trid toqghod fuq ix-xhieda moghtija minn George Busuttil, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici, liema xhieda hija korroborata bid-dokumenti u *statement* li juri l-ammont bilancjali li jirrifletti dak mitlub fl-Avviz.

Il-Qorti jidhrilha li ghandha toqghod fuq din ix-xhieda, la ma ngabux provi kontra.

Ghalhekk,

Il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallasha s-somma ta’ elfejn, mitejn u tmenin lira Maltin u tnejn u ghoxrin centezmu (Lm2,280.22) rapprezentanti l-bilanc tal-prezz ta’ merkanzija lilu mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta’ attrici.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali mid-data tan-notifika ta’ l-Avviz ghas-smiegh kontra l-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------